Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2023/890

10.11.2023

**Avviż għall-attenzjoni ta' grupp wieħed inkluż fil-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu**

(C/2023/890)

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni ta' il-grupp "DEVRIMCI HALK KURTULUŞ PARTISI CEPHESI" - "DHKP/C" li jidher fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1514 ([1]) u fl-Anness għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1505 ([2]) tal-20 ta' Lulju 2023 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu.

Il-Kunsill biħsiebu jżomm il-miżuri restrittivi kontra l-grupp imsemmi hawn fuq b'dikjarazzjoni tar-raġunijiet emendata. Il-grupp huwa b'dan infurmat li jista' jippreżenta talba lill-Kunsill biex jikseb id-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet maħsuba għaż-żamma tad-deżinjazzjoni tiegħu, sas-17 ta' Novembru 2023, fl-indirizz li ġej:

Council of the European Union (Attn: COMET designations)
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu

---

([1]) ĠU L 184, 21.7.2023, p. 33.
([2]) ĠU L 184, 21.7.2023, p. 1.